# ETIMOLOĠIJA

## NISEL IL-KELMA "H A L"

F'*Il-Malti* tas-sena l-oħra (minn Wied il-Għajn mnejn qed nikteb ma nistax nagħti l-għadd sewwa) is-Sur Nin Cremona, hu u jwieġeb lis-sur Ivo Muscat-Azzopardi fuq kif tinkiteb il-kelma *Hal*, qal li għandha tinkiteb *Hall* u jien weġibtu li ma qbiltx miegħu għax deherli li n-nisel (mogħti minnu u oħrajn) mill-għerq *H-L-L* ma kienx iżjed jipperswadini minn dak li kien ta l-Avukat G. Micallef, jiġifieri *H*-(*W*)-*L* (Għarbi: *Hal*, *jħal*; II sura *Hawwel*). Iżda s-sur Nin kien wieġeb li nom minn dan il-verb kien jieħu l-għamla bil-"*w*" ta' *ħawl* jew *ħwiel*. Niftakar li kont weġibtu li donnu kellu raġun, iżda li anqas in-nisel mogħti minnu ma kien jorbot biż-żejjed (madankollu hekk stqarr hu stess xħin żied li aktar kien jixtieq li jien tajt xi teorija ġdida milli tennejt dak li qalu ta' qabli). U niftakar ukoll li fit-tweġiba tiegħi żidt li kont għadni qed nistudja fuq in-nisel ta' dil-kelma, u li għalhekk il-kustjoni kienet, fil-fehma tiegħi, għadha miftuħa.

Il-lum naħseb li wasalt. Iżda qabel ma ngħaddi għall-etimoloġija, jeħtieġ ingħid, biex wieħed jifhem aħjar, li l-appellattiv "*Hal*" ma jeħduhx l-ismijiet ta' l-irħula kollha. Fil-waqt li l-irħula żgħar (bħas-subborgi) jieħdu l-appellattiv "*Ta'*" (eż: Tal-Qali; Tas-Silġ; Tas-Sliema; u wkoll Għawdex: Ta' Kirċem, eċċ.); u dawk ta' ismijiet meħuda minn siġar, snajja' jew ukoll minn xi speċjalità tal-post (bħal: Żejtun, Mellieħa, Mosta, Nadur eċċ.) jieħdu biss l-artiklu "*L-*"; l-irħula li ħadu isimhom minn kunjomijiet jew titoli ta' xi familja jew tajfa, jieħdu dejjem il-"*Hal*" (eż: Attard, Dingli, Għaxaq, Kirkob, Lija, Manin, Millieri, Niklużi, Luqa, Qormi, u bosta oħrajn tal-lum u taż-żmien). Ma ngħidx li ma hemmx xi wħud li jieħdu l-"*Hal*" avolja dawnhom ma jidħlux ma' dawn li semmejt (eż: Żebbuġ, Żabbar, Għargħur u xi ieħor). Iżda jekk wieħed jifli sewwa jsib li dawn huma eċċezzjonijiet li iżjed isaħħu r-regola. Araw: *Żebbuġ*: Għawdex dar-raħal ma jiħux *Hal*; *Żabbar*: mil-lista tan-nutari ta' żmien ilu jidher li dan kien ukoll kunjom; *Għargħur*: l-"*u*" ta' l-aħħar sillaba (kif għad nuri xi darba oħra) issarraf *passiv* u għalhekk dil-kelma tidħol mal-għadd tal-laqmijiet bħal: *germud*, *baħbuħ*, *faqqus* li jingħażlu bħala *passivi* mill-korrispondenti *attivi*: *germied*, *baħbieħ*, *faqqas*. Minn laqam għal kunjom m'hemmx ħajta x'tagħżel.

Wara li sammarna sewwa f'moħħna fejn u meta raħal jieħu l-*Hal* nistgħu ngħaddu b'wiċċna minn quddiem għan-nisel li fil-fehma tiegħi jolqot l-iżjed dil-kelma li tat hekk x'igħidu lil bosta etimoloġisti.

Fil-Għarbi ta' Tunes (Marceline Beaussier-Dictionnaire pratique Arabe-Francaise—Alger, 1887, paġ. 17) insibu l-għerq: (*A*)-*H*-*L* (Nota bene: *H* u le *Ħ*) li fil-għamla tan-nom kollettiv ifisser: "dar; familja; ġens" (Beaussier igħid: "*famille, maison, menage, gens, personnes attachèes à; gens de; ceux de; peuple; membres; ceux qui font partie de*") u tidħol ukoll fit-tifsila ta' bosta ismijiet ta' tribù jew ta' tribù għarab; hekk bil-għarbi jingħad: "*Ahl el-Għux*" "*Ahl el Hasan*", eċċ.

Immela aħna meta ngħidu *Hal Kirkob* inkunu qed infissru letteralment "It-tajfa jew familja ta' Kirkob"; *Hal Manin* tfisser il-familja ta'

Manin (jew *Dar Manin*, li wara sar kunjon sħiħ: *Darmanin*); *Hal Qormi* jiġifieri l-post fejn igħammru n-nies ta' nisel Qormi (jew Curmi kif inhi l-lum), eċċetra.

Dan hu, fil-fehma tiegħi sa fl-aħħar il-veru nisel ta' l-appellattiv *HAL* quddiem xi rħula tagħna. U għalhekk ukoll ma għandna qatt niktbu dil-kelma b'żewġ ellijiet iżda dejjem b'waħda. Nittama li s-Sur Nin Cremona did-darba jaqbel miegħi hu wkoll.

20.7.46. ERIN SERRACINO INGLOTT.